# Ħsieb għax-xahar ta' April



L-Għid il-Kbir huwa l-qofol u raġuni tal-fidi tagħna. Sidna Ġesù Kristu permezz tal-qawmien tiegħu mill-imwiet jrid jagħtina sehem fir-rebħa tiegħu fuq id-dnub u l-mewt, ħalli jagħtina sehem fil-ħajja tiegħu ta' Alla u b'hekk niksbu s-salvazzjoni tagħna. Għalhekk din is-sena nerġa' inħeġġiġkom sabiex il-qari spiritwali, speċjalment fil-praesidia, matul dan iż-żmien, isir minn dawk is-siltiet li jkellmuna dwar il-ġrajjiet marbuta ma' żmien il-Għid: 1) Il-qawmien ta' Ġesù skont San Mark (Mk 16, 1-8); 2) Ġesu' u Tumas (Ġw 20, 19-29); 3) Ġesù u d-dixxipli t'Għemmaws (Lq 24, 13-35); 4) Ġesù jidher lis-seba' dixxipli (Ġw 21, 1-14); 5) Ġesù Pietru (Ġw 21, 15-19); 6) It-tlugħ is-sema tal-Mulej (Atti 1, 6-11); 7) L-inżul tal-Ispirtu s-Santu fuq l-Appostli (Atti 2, 1-13). Nibdew dan il-qari mill-ewwel laqgħa wara Ħadd il-Għid sa qabel il-Pentekoste.

***Fr Ivan Attard O.P.***

## Spirti Ħżiena

Fil-Vanġelu ta' San Mark l-ewwel miraklu li nsibu hu dak tat-tkeċċijat ta' spirti ħżiena minn raġel ġewwa is-sinagoga ta' Kafarnahum nhar ta' Sibt. Ilum il-kunċett ta' 'spirtu ħażin' joħloq reazzjonijiet differenti f'dawk li jisimgħu din is-silta. Għal xi uħud l-ispirtu ħażin jirrappreżenta xi forma ta' mard fil-moħħ, li, għalhekk jitlob aktar għajnuna psikoloġika. Oħrajn fl-ispirti ħżiena jaraw personifikazzjoni tat-taqbida kontinwa ġo fina bejn il-ġisem u r-ruħ. It-tielet reazzjoni hi dik fejn jaraw entita' reali u personali li hi dedikata biex iġġib il-ħsara u il-ħażen fid-dinja. Hi x'inhi ir-reazzjoni tagħna, il-Vanġelu joffri tagħlim ċar u utli – ir-reżistenza għall-ħażen, kbir jew żgħir, hi parti mill-missjoni tal-Mulej u għalhekk tagħna ukoll, li aħna segwaċi tiegħu. Alla tagħna il-liberta' li nopponu lill-ħażen mingħajr biża' għax il-Qaddis ta' Alla hu diġa rebbieħ fuq ix-xitan.

(https://www.osservatoreromano.va/en/news/2024-01/ing-004/the-holy-one-of-god.html)

***Ifraħ u kun ferrieħ fil-ġabra ġewwiena għaliex għandek lilU tant qribek.***

# Regia ta' Malta
# Bullettin Leġjunarju

## April 2024

## Prattika Spiritwali

### L-Ewkaristija



Il-kbir San Tumas t'Akwinu qal: "Alla li jista' kollox ma setgħax jagħtina rigal ikbar mill-Ewkaristija. Hu infinitament għaref ma għarafx jagħtina rigal akbar mill-Ewkaristija. Hu li infinitament għani, ma kellux x'jagħtina aktar mill-Ewkaristija!"

X'ċanfira fihom dawn il-kelmiet għalina li ma nħobbux biżżejjed dan il-misteru tal-għaġeb. Kellha raġun Santa Tereżina tgħidlu lil Ġesù: "Oqgħod fija bħal ma toqgħod fit-tabernaklu, titbiegħed qatt mill-vittma ċkejkna tiegħek!"

***Mons Ružar Borg***



### Intenzjoni tal-Papa għax xahar ta' April

*Għar-Rwol tan-Nisa*

Nitolbu biex kull kultura tagħraf id-dinjità u l-valur kbir tan-nisa ħalli tintemm id-diskriminazzjoni li jġarrbu f'diversi partijiet tad-dinja.

***Ifraħ u kun ferrieħ fil-ġabra ġewwiena għaliex għandek lilU tant qribek.***

***Laqgħa ta' tagħlim 27 ta' April fil 5 p.m.***